**Parlament Ewropew**
2014-2019

*Kumitat għall-Baġits*

**2018/0330(COD)**

11.12.2018

# OPINJONI

tal-Kumitat għall-Baġits

għall-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta u li jħassar l-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill Nru°98/700/ĠAI, ir-Regolament (UE) Nru 1052/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament (UE) Nru 2016/1624 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill
(COM(2018)0631 – C8-0406/2018 – 2018/0330(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Jens Geier

## EMENDI

Il-Kumitat għall-Baġits jistieden lill-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern, bħala l-kumitat responsabbli, biex jieħu inkunsiderazzjoni l-emendi li ġejjin:

**Emenda 1**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 5a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(5a) Il-korp permanenti magħmul minn 10 000 membru tal-persunal operazzjonali jenħtieġ li jikkonsisti primarjament minn persunal operazzjonali ssekondat mill-Istati Membri. L-Istati Membri huma responsabbli li jiżguraw li l-korp permanenti jkun stabbilit u operazzjonali mingħajr dewmien.*** |

**Emenda 2**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 10**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (10) Il-Ġestjoni Integrata Ewropea tal-Fruntieri jenħtieġ li tiġi implimentata bħala responsabbiltà kondiviża tal-Aġenzija u l-awtoritajiet nazzjonali responsabbli mill-ġestjoni tal-fruntieri, inkluż gwardji tal-kosta sal-punt li jwettqu operazzjonijiet ta' sorveljanza tal-fruntieri marittimi u kwalunkwe kompitu ieħor ta' kontroll tal-fruntieri, u dawk responsabbli mir-ritorni. Filwaqt li r-responsabbiltà primarja għall-ġestjoni tal-fruntieri esterni tagħhom tibqa' tal-Istati Membri, fl-interess tagħhom u fl-interess tal-Istati Membri kollha u huma responsabbli mill-ħruġ ta' deċiżjonijiet ta' ritorn, jenħtieġ li l-Aġenzija tappoġġa l-applikazzjoni tal-miżuri tal-Unjoni li għandhom x'jaqsmu mal-ġestjoni tal-fruntieri esterni u mar-ritorni billi ssaħħaħ, | (10) Il-Ġestjoni Integrata Ewropea tal-Fruntieri jenħtieġ li tiġi implimentata bħala responsabbiltà kondiviża tal-Aġenzija u l-awtoritajiet nazzjonali responsabbli mill-ġestjoni tal-fruntieri, inkluż gwardji tal-kosta sal-punt li jwettqu operazzjonijiet ta' sorveljanza tal-fruntieri marittimi u kwalunkwe kompitu ieħor ta' kontroll tal-fruntieri, u dawk responsabbli mir-ritorni. Filwaqt li r-responsabbiltà primarja għall-ġestjoni tal-fruntieri esterni tagħhom tibqa' tal-Istati Membri, fl-interess tagħhom u fl-interess tal-Istati Membri kollha u huma responsabbli mill-ħruġ ta' deċiżjonijiet ta' ritorn, jenħtieġ li l-Aġenzija tappoġġa l-applikazzjoni tal-miżuri tal-Unjoni li għandhom x'jaqsmu mal-ġestjoni tal-fruntieri esterni u mar-ritorni billi ssaħħaħ, |

| | |
|---|---|
| tivvaluta u tikkoordina l-azzjonijiet tal-Istati Membri li jimplimentaw dawk il-miżuri. | tivvaluta u tikkoordina l-azzjonijiet tal-Istati Membri li jimplimentaw dawk il-miżuri. ***Jenħtieġ li ma jkun hemm ebda duplikazzjoni operazzjonali bejn l-Aġenzija u l-Istati Membri.*** |

**Emenda 3**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 91**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (91) Biex tkun garantita l-awtonomija tal-Aġenzija, jenħtieġ li tingħata baġit awtonomu bi dħul li fil-biċċa l-kbira tiegħu jiġi minn kontribuzzjoni mill-Unjoni. Jenħtieġ li l-proċedura baġitarja tal-Unjoni tkun applikabbli sa fejn għandhom x'jaqsmu l-kontribuzzjoni tal-Unjoni u kwalunkwe sussidju ieħor debitabbli lill-baġit tal-Unjoni. Jenħtieġ li l-awditjar tal-kontijiet isir mill-Qorti tal-Awdituri. | (91) Biex tkun garantita l-awtonomija tal-Aġenzija, jenħtieġ li tingħata baġit awtonomu bi dħul li fil-biċċa l-kbira tiegħu jiġi minn kontribuzzjoni mill-Unjoni. ***Il-baġit tal-Aġenzija jenħtieġ li jitħejja f'konformità mal-prinċipju ta' bbaġitjar abbażi tal-prestazzjoni, filwaqt li jitqiesu l-objettivi tal-Aġenzija u r-riżultati mistennija tal-kompiti tagħha.*** Jenħtieġ li l-proċedura baġitarja tal-Unjoni tkun applikabbli sa fejn għandhom x'jaqsmu l-kontribuzzjoni tal-Unjoni u kwalunkwe sussidju ieħor debitabbli lill-baġit tal-Unjoni. Jenħtieġ li l-awditjar tal-kontijiet isir mill-Qorti tal-Awdituri. |

**Emenda 4**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 28**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (28) "operazzjoni ta' ritorn" tfisser operazzjoni organizzata jew koordinata mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta u li tinvolvi rinforz tekniku u operazzjonali pprovdut lil Stat Membru jew iktar ***jew lil pajjiż terz***, li biha persuni rimpatrijati minn Stat Membru jew aktar jew minn pajjiż terz jiġu ritornati, jew fuq bażi furzata jew volontarja, irrispettivament mill-mezz ta' trasport; | (28) "operazzjoni ta' ritorn" tfisser operazzjoni organizzata jew koordinata mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta u li tinvolvi rinforz tekniku u operazzjonali pprovdut lil Stat Membru jew iktar, li biha persuni rimpatrijati minn Stat Membru jew aktar jew minn pajjiż terz jiġu ritornati, jew fuq bażi furzata jew volontarja, irrispettivament mill-mezz ta' trasport; |

**Emenda 5**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 10 – paragrafu 1 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (1) L-Aġenzija għandha twettaq il-kompiti li ġejjin bil-ħsieb li tikkontribwixxi għal livell effiċjenti, għoli u uniformi ta' kontroll fuq il-fruntieri u r-ritorn: | (1) L-Aġenzija***, waqt li tevita d-duplikazzjoni tax-xogħol operazzjonali tal-Istati Membri,*** għandha twettaq il-kompiti li ġejjin bil-ħsieb li tikkontribwixxi għal livell effiċjenti, għoli u uniformi ta' kontroll fuq il-fruntieri u r-ritorn: |

**Emenda 6**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt 23**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***23. tappoġġa pajjiżi terzi fil-koordinazzjoni jew l-organizzazzjoni ta' attivitajiet ta' ritorn lejn pajjiżi terzi oħrajn, inkluż il-kondiviżjoni ta' data personali għal finijiet ta' ritorn;*** | ***imħassar*** |

**Emenda 7**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 54 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***2. L-Aġenzija tista' tniedi wkoll interventi ta' ritorn f'pajjiżi terzi, ibbażati fuq id-direzzjonijiet imfassla fiċ-ċiklu ta' politika strateġika pluriennali, fejn tali pajjiżi terzi jirrikjedu assistenza teknika u operazzjonali addizzjonali fir-rigward l-attivitajiet ta' ritorn tagħha. Tali intervent jista' jikkonsisti fl-iskjerament ta' timijiet ta' ritorn għall-għan ta' provvista ta' assistenza teknika u operazzjonali għal attivitajiet ta' ritorn tal-pajjiż terz.*** | ***imħassar*** |

**Emenda 8**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 55 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. L-Aġenzija għandha tiskjera membri tal-korpi permanenti tal-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta bħala membri tat-timijiet ta' ġestjoni tal-fruntieri, timijiet ta' appoġġ ta' ġestjoni tal-migrazzjoni, timijiet ta' ritorn f'operazzjonijiet konġunti, interventi rapidi fil-fruntieri jew interventi ta' ritorn jew kwalunkwe attività operazzjonali rilevanti oħra fl-Istati Membri jew f'pajjiżi terzi. | 2. L-Aġenzija għandha tiskjera membri tal-korpi permanenti tal-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta bħala membri tat-timijiet ta' ġestjoni tal-fruntieri, timijiet ta' appoġġ ta' ġestjoni tal-migrazzjoni, timijiet ta' ritorn f'operazzjonijiet konġunti, interventi rapidi fil-fruntieri jew interventi ta' ritorn jew kwalunkwe attività operazzjonali rilevanti oħra fl-Istati Membri jew f'pajjiżi terzi. ***L-Aġenzija u l-Istat Membru rilevanti għandhom jiżguraw li ma tinħoloq ebda duplikazzjoni operazzjonali.*** |

**Emenda 9**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 78 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Filwaqt li jikkonformaw mad-dritt tal-Unjoni u filwaqt li jirrispettaw id-drittijiet fundamentali, il-kompiti tal-uffiċjali ta' kollegament tal-Aġenzija għandhom jinkludu l-istabbiliment u ż-żamma ta' kuntatti mal-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiżi terzi fejn ikunu assenjati bl-għan li jikkontribwixxu għall-prevenzjoni ta' u l-ġlieda kontra l-immigrazzjoni illegali u r-ritorn ta' persuni rimpatrijati, fosthom billi jipprovdu assistenza teknika fl-identifikazzjoni ta' ċittadin ta' pajjiż terz u l-kisba ta' dokument tal-ivvjaġġar. Dawk l-uffiċjali ta' kollegament għandhom jikkoordinaw mill-qrib mad-delegazzjonijiet tal-Unjoni u, fejn rilevanti, mal-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-PSDK. | 3. Filwaqt li jikkonformaw mad-dritt tal-Unjoni u filwaqt li jirrispettaw id-drittijiet fundamentali, il-kompiti tal-uffiċjali ta' kollegament tal-Aġenzija għandhom jinkludu l-istabbiliment u ż-żamma ta' kuntatti mal-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiżi terzi fejn ikunu assenjati bl-għan li jikkontribwixxu għall-prevenzjoni ta' u l-ġlieda kontra l-immigrazzjoni illegali u r-ritorn ta' persuni rimpatrijati, fosthom billi jipprovdu assistenza teknika fl-identifikazzjoni ta' ċittadin ta' pajjiż terz u l-kisba ta' dokument tal-ivvjaġġar. Dawk l-uffiċjali ta' kollegament għandhom jikkoordinaw mill-qrib mad-delegazzjonijiet tal-Unjoni u, fejn rilevanti, mal-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-PSDK. ***Meta jkun*** |

| | |
|---|---|
| | ***possibbli, l-uffiċċji tagħhom għandhom ikunu fl-istess bini.*** |

**Emenda 10**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 99 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 3, il-bord maniġerjali għandu jkun magħmul minn rappreżentant wieħed ta' kull Stat Membru ***u*** żewġ rappreżentanti tal-Kummissjoni, kollha bi dritt li jivvutaw. Għal dan il-għan, kull Stat Membru għandu jaħtar membru tal-bord maniġerjali kif ukoll sostitut li jkun jirrappreżenta lill-membru fl-assenza tiegħu/tagħha. Il-Kummissjoni għandha taħtar żewġ membri u s-sostituti tagħhom. Id-durata tal-mandat għandha tkun ta' erba' snin. Il-mandat jista' jiġi estiż. | 1. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 3, il-bord maniġerjali għandu jkun magħmul minn rappreżentant wieħed ta' kull Stat Membru***,*** żewġ rappreżentanti tal-Kummissjoni ***u membru maħtur mill-Parlament Ewropew***, kollha bi dritt li jivvutaw. Għal dan il-għan, kull Stat Membru għandu jaħtar membru tal-bord maniġerjali kif ukoll sostitut li jkun jirrappreżenta lill-membru fl-assenza tiegħu/tagħha. Il-Kummissjoni għandha taħtar żewġ membri u s-sostituti tagħhom. Id-durata tal-mandat għandha tkun ta' erba' snin. Il-mandat jista' jiġi estiż. |

**Emenda 11**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 100 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Il-bord maniġerjali għandu, sat-30 ta' Novembru ta' kull sena, jadotta dokument ta' programmar finali li jkun fih, fost oħrajn, il-programmar plurienannli tal-Aġenzija u l-programmar annwali għas-sena ta' wara, abbażi ta' abbozz imressaq mid-direttur eżekuttiv u approvat mill-bord maniġerjali. Id-dokument ta' programmar finali għandu jiġi adottat wara li tingħata opinjoni pożittiva mill-Kummissjoni, fir-rigward tal-programmar pluriennali, wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew. Jekk l-Aġenzija tiddeċiedi li ma tqisx xi elementi tal-opinjoni tal-Kummissjoni, din għandha tipprovdi ġustifikazzjoni | 1. Il-bord maniġerjali għandu, sat-30 ta' Novembru ta' kull sena***, u filwaqt li jikkunsidra r-rakkomandazzjonijiet tal-Grupp ta' Ħidma Interistituzzjonali dwar ir-riżorsi tal-aġenziji***, jadotta dokument ta' programmar finali li jkun fih, fost oħrajn, il-programmar plurienannli tal-Aġenzija u l-programmar annwali għas-sena ta' wara, abbażi ta' abbozz imressaq mid-direttur eżekuttiv u approvat mill-bord maniġerjali. Id-dokument ta' programmar finali għandu jiġi adottat wara li tingħata opinjoni pożittiva mill-Kummissjoni, fir-rigward tal-programmar pluriennali, wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew. |

| | |
|---|---|
| dettaljata. Il-bord maniġerjali għandu jibgħat id-dokument lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni. | Jekk l-Aġenzija tiddeċiedi li ma tqisx xi elementi tal-opinjoni tal-Kummissjoni ***jew tal-Parlament Ewropew***, din għandha tipprovdi ġustifikazzjoni dettaljata. Il-bord maniġerjali għandu jibgħat id-dokument lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni. |

**Emenda 12**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 111 – paragrafu 5 – subparagrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***L-abbozz proviżorju tal-estimi għandu jkun ibbażat fuq l-objettivi dettaljati u r-riżultati mistennija tal-programm ta' ħidma annwali u għandu jqis ir-riżorsi finanzjarji neċessarji biex jinkisbu dawk l-objettivi u r-riżultati, f'konformità mal-prinċipju ta' bbaġitjar abbażi tal-prestazzjoni.*** |

## PROĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| | |
|---|---|
| **Titolu** | Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta |
| **Referenzi** | COM(2018)0631 – C8-0406/2018 – 2018/0330(COD) |
| **Kumitat responsabbli**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | LIBE<br>22.10.2018 |
| **Opinjoni mogħtija minn**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | BUDG<br>22.10.2018 |
| **Rapporteur għal opinjoni**<br>Data tal-ħatra | Jens Geier<br>9.10.2018 |
| **Eżami fil-kumitat** | 21.11.2018 |
| **Data tal-adozzjoni** | 10.12.2018 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 21<br>–: 5<br>0: 1 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Jean Arthuis, Richard Ashworth, Lefteris Christoforou, Manuel dos Santos, André Elissen, José Manuel Fernandes, Eider Gardiazabal Rubial, Jens Geier, Ingeborg Gräßle, John Howarth, Siegfried Mureşan, Liadh Ní Riada, Jan Olbrycht, Pina Picierno, Paul Rübig, Petri Sarvamaa, Jordi Solé, Patricija Šulin, Indrek Tarand, Monika Vana, Daniele Viotti, Marco Zanni |
| **Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali** | Xabier Benito Ziluaga, Karine Gloanec Maurin, Marco Valli |
| **Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali** | Clara Eugenia Aguilera García, Claudia Schmidt |

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

| 21 | + |
|---|---|
| ALDE | Jean Arthuis |
| PPE | Richard Ashworth, Lefteris Christoforou, José Manuel Fernandes, Ingeborg Gräßle, Siegfried Mureşan, Jan Olbrycht, Petri Sarvamaa, Claudia Schmidt, Patricija Šulin |
| S&D | Clara Eugenia Aguilera García, Eider Gardiazabal Rubial, Jens Geier, Karine Gloanec Maurin, John Howarth, Pina Picierno, Manuel dos Santos, Daniele Viotti |
| VERTS/ALE | Jordi Solé, Indrek Tarand, Monika Vana |

| 5 | - |
|---|---|
| EFDD | Marco Valli |
| ENF | André Elissen, Marco Zanni |
| GUE/NGL | Xabier Benito Ziluaga, Liadh Ní Riada |

| 1 | 0 |
|---|---|
| PPE | Paul Rübig |

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni